**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Lulju 2021;**

**Rikors nru: 207/21 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** datat 25 ta' Mejju, 2021, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Ottubru tas-sena 2014, fir-Registru taz-Zwieg, hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg immarkat Dok LS 1;

2. Illi qabel dan iz-zwieg, u cioe' fl-20 ta' Ottubru 2014, il-partijiet dahlu f'kuntratt pre-nuzzjali fl-atti ta' Nutar Dottor Eric Wedge, kopja tieghu hawn anness u mmarkat Dok EW;

3. Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin b’kuntratt ippublikat fis-17 ta’ Mejju 2021, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicole Cassar, kopja tal-kuntratt anness u mmarkat Dok NC;

4. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

5. Illi mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, jirrizulta illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ (4) snin, u dan kif ijidher fil-klawzola numru wiehed (1) tal-kuntratt fuq imsemmi;

6. Illi ma hemm ebda prospett ragionevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet illi minbarra li ilhom hafna snin mifrudin, illum ghandhom hajjar totalment separata u ndipendenti minn xulxin;

7. Illi mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, jidher illi huma m’ghandhom ebda pendenza ma’ xulxin;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fic-cirkostanzi ghalhekk, mhux mehtieg li ssir medjazzjoni ulterjuri bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, illi jghogobha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet fl-imsemmi Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex:

Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2021, l-intimata ma oggezzjonatx ghad-divorzju, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep. Reg.**